**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 72/2019 MS*

**Kevin Sammut u Kilabite Tech Ltd**

**Vs.**

**Epsilon Malta Ltd**

Illum, 19 ta' Jannar, 2024

Kawża Numru: 1

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fil-25 ta' Jannar, 2019, li bih l-atturi, wara li ppremettew:

> Illi l-esponenti jipprestaw is-servizzi fil-qasam ta software development u jofru wkoll konsulenza fuq varji aspetti fosthom, izda mhux limitat ghal sistemi ta GIS.
>
> Illi l-esponenti kien gie avvicinat mis-socjeta konvenuta sabiex tistabilixxi jekk l-esponenti jew min minnhom, kienx interessat jghina tirrispondi ghas-sejha ghal offerti koncernanti "CT 3074/2017 Service Tender for Dissemination Tool/S For The Distribution and Reporting

of Data to the Government, Public, Scientific Domains AND EU/International Reporting" aka "Sintegram Dissemination proposal CT3074/2017" ghal liema rikjesta l-esponenti kienu rispondew fl-affermattiv u accettaw l-inkariku.

Illi fost ix-xoghol res lis-socjeta konvenuta, fost hwejjeg ohra, is-socjeta esponenti kienet nhedid diversi servizzi ta konsulenza kif wkoll preparazzjoni ta data analises u thejjija ta rapport u dan sabiex is-socjeta konvenuta tkun fl-ahjar posizzzjoni sabiex tkun hi li tirbah s-sejha ghal offerti relattiva.

Illi wkoll, u dan peress illi s-socjeta esponenti kienet diga hadmet fuq progetti ta l-Awtorita tal-Ippjanar b'success, gew sottomessi s-CV's, kif wkoll garanzija personali u anke indemnity forms fost dokumenti ohra necessitati u dan bil-ghan li jinkiseb is-succes mehtieg ghas-socjeta intimata.

Illi, waqt l-istess process sovra ndikat, is-socjeta intimata kienet ghaddiet lis-socjeta rikorrenti abbozz ta ftehim li kellu jirregola r-relazzjoni ta bejn il-kontendenti liema ftehim kien gie accettat in principio, ghad li mhux ratifikat formalmenti, miz-zewg nahat u dan kif jirrizulta min Doc A, A1, A2, BC u D.

Illi permezz ta email tal-25 ta' Lulju 2018, u dan kif jirrizulta min Doc J, is-socjeta intimata kienet informat lis-socjeta esponenti illi hija kienet giet allokata x-xoghol mertu tat-tender "Sintegram Dissemination proposal CT 3074/2017".

Illi n segitu ghal dan l-avviz, u n visto tal-ftehim milhuq sovra ndikat, is-socjeta esponenti kompliet bil-preparamenti u thejjija ta dak necessitat sabiex jinbeda l-esekuzzjoni tax-xoghol rikjest mis-sejha hekk allokata u dan a bazi tal-ftehim sew verbali kif wkoll konkluz bejn il-partijiet.

Illi b'sorpriza ghas-socjeta rikorrenti, hija giet informata mis-socjeta intimata, li hija kienet effetwat tibdiliet fid-dokument ghas-sejha "Sintegram Dissemination proposal CT 3074/2017", tibdiliet li kienu jmorru kontra l-ftehim gie milhuq bejn il-kontendenti u dan kif jirrizulta min Doc E u F.

Illi wkoll is-socjeta intimata naqset bil-kbir meta hija ma mxietx mal-ftehim milhuq, effetwat tibdiliet li ma komunikatx lis-socjeta rikorrenti u di pui, in vista ta tali

tibdil xorta wahda ghamlet uzu mil-kredenzjali tas-socjeta rikorrenti.

Illi li kieku s-socjeta rikorrenti kienet ghal kurrent ghal dan it-tibdil, tibdil li ma kienx accettabbli ghaliha ghar-ragunijiet li ser jigu mghotija waqt it-trattazzjoni tal-kaz, hija ma kienet qatt li timbarka fuq ix-xoghol li esegwit u wisq anqas tippermetti lis-socejta intimata tghamel uzu mil-Ufficcjali taghha ghal gwadan taghha.

Illi dawn il-kondizzjonijiet il-godda ma kienux accettabbli ghas-socjeta rikorrenti u ghalhekk iddecidiet li ma tkomplix bl-inkariku u dan kif jirrizulta min Doc G.

Illi s-socjeta esponenti tablet lis-socjeta intimata sabiex thallasha l-ammont komplessiv ta sebgha u tlettin elf sebgha mija u sittin euro (€37,760) VAT inkluz, rappresentanti drittijiet relatati ghas-servizzi resi n kwantu jirrigwarda s-sejha "Sintegram Dissemination proposal CT 3074/2017" u dan kif jirrizulta ahjar mil-kopja tal-invoice hawn annessa u markata bhala Dok M.

Illi nonotante d-diversi talbiet ghal hlas, is-socjeta intimata baqghet inadempjenti.

għaddew biex jitolbu lil din il-qorti jogħġobha:

(i) Tiddikjara illi s-socejta intimata naqset,u dan bi ksur tal-ftehim milhuq ma l-esponenti, meta hija unilateralment bidlet il-ftehim milhuq u l-kwotazzjoni kif preparata mil-esponenti fuq inkariku ta l-istess socjeta intimate.

(ii) Tillikwida l-ammonti dovuti lil esponenti, jew min minnhom, kwantu drittijiet professjonali fl-ammont ta sebgha u tlettin elf sebgha mija u sittin euro nkluz VAT u dan kif jirrizulta mil-kopja ta l-invoice hawn annessa u markata bhala Dok K.

(iii) Tordna lis-socjeta intimata thallas lil esponenti is-somma ta' sebgha u tlettin elf sebgha mija u sittin euro (€37,760) VAT inkluz kif wkoll bl-ispejjez ghar-rigward tal-ittra ufficcjali tat-10 ta' Dicembru 2018 u kif wkoll dawk ghat-talba ghal hrug ta' mandat ta sekwestru u bl-imghax Legali mid-data ta l-invoice sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta intimata minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuta fid-29 t'April 2019[1], li permezz tagħha din eċċepiet:

> 1. Illi preliminajrament, it-talbiet attriċi huma proċeduralment insostenibbli għaliex ma jikkombaċċjawx mad-dikjarazzjonijiet u r-raġunijiet mogħtija fil-premessi tar-rikors ġuramentat, b'dan illi ir-rikors ġuramentat huwa nieqes mir-rekwiżiti meħtieġa ai termini tal-Artikolu 156(a) tal-Kap 12. tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> 2. Illi wkoll in linea preliminari, ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-esponenti u l-intimata Kilabite Tech Ltd. Tant huwa hekk illi l-ftehim propost mill-attur Kevin Sammut (Dok. A esebit mill-atturi) kellu jkun bejn l-esponenti u l-attur Kevin Sammut fil-vesti tiegħu personali. Kien biss meta l-attur Kevin Sammut beda jippretendi l-ħlas mingħand l-esponenti illi huwa semma il-kumpanija Kilabite Tech Ltd;
>
> 3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, it-talbiet attriċi kif dedotti fil-konfront tal-kumpannija esponenti għandhom jiġu respinti fit-totalita' tagħhom stante illi huma nfondanti fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża u senjament minħabba s-segwenti raġunijiet;
>
> i. Illi l-esponenti issottomettiet applikazzjoni għal *tender* mal-Awtorità għall-Ippjanar. Ai fini tal-istess applikazzjoni, l-Awtorità ipproponiet illi Kevin Sammut jiġi nominat mill-esponenti bħala "Key Expert" fl-applikazzjoni in kwistjoni;
>
> ii. l-attur Kevin Sammut ippropona diversi servizzi lill-esponenti in konnessjoni mat-tender in kwistjoni u abbazi ta' din il-proposta, kienu saru taħditiet sabiex l-esponenti tifhem x'kienu is-servizzi proposti mill-istess Kevin Sammut. L-esponenti qatt ma inkarigatu illi jagħmel xi xogħlijiet u/jew jipprestalha xi servizzi għajr illi jiġi nominat bħala "key expert" fl-applikazzjoni għat-*tender*. Tali servizzi kellhom jiġu reżi biss jekk u meta l-esponenti kienet tirbaħ it-tender in kwistjoni;
>
> iii. Illi minkejja d-dicitura użuta fir-rikors promotur, ma jeżisti l-ebda ftehim bejn l-esponenti u l-atturi jew min minnhom. Wara ħafna insistenzi mill-attur Kevin Sammut illi jippresta servizzi lill-esponenti, liema servizzi ma kienux sollevati mill-istess esponenti, l-istess Kevin Sammut kien ippropona ftehim ta' kollaborazzjoni. Dan il-ftehim qatt ma

[1] A folio 64.

ġie iffirmat, stante illi, fost raġunijiet oħra, l-esponenti m'aċċettatx il-kundizzjonijiet tal-istess illi ġew proposti mill-attur Kevin Sammut u l-istess Kevin Sammut ma aċċettax illi jaħdem skont l-esiġenzi tal-esponenti. In ogni każ, kien prematur illi jsir tali ftehim qabel ma jiġi ffirmat kuntratt relattiv bejn l-esponenti u l-Awtorità;

iv. Illi qatt ma kien hemm qbil illi jsiru xi ħlasijiet lill-atturi jew xi ħadd minnhom. L-esponenti qatt ma kienet fil-fatt semgħet bl-attriċi Kilabite Tech Ltd illi harget il-fattura ippresentata mill-atturi u mmarkata Dok. I;

v. Illi għaldaqstant l-atturi m'għandhom l-ebda jedd jitolbu xi ħlasijiet mingħand l-esponenti;

vi. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, ma mhuwiex minnu li atturi għamlu x-xogħlijiet allegati u/jew sofrew xi danni;

vii. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, kemm-il darba l-atturi għamlu xi xogħolijiet u /jew soffrew xi danni, l-esponenti ma hijiex responsabbli għall-istess;

3. Rat ix-xiehda u d-dokumenti kollha prodotti, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti.

5. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tallum sabiex tingħata sentenza.

Ikkunsidrat:

6. Din hija kawża li permezz tagħha, l-atturi qegħdin jitolbu li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallashom, jew lil min minnhom, is-somma ta' €37,760 rappreżentanti drittijiet professjonali, u dan b'rabta ma' servizzi li huma jgħidu li rendew lill-konvenuta b'rabta mas-sejħa għall-offerti għal "Sintegram Dissemination Proposal" (CT 3074/2017). Il-konvenuta, min-naħa tagħha, ressqet bosta eċċezzjonijiet, kompriża dik li t-talbiet tal-atturi huma proċeduralment insostenibbli, kif ukoll li m'għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-kumpanija attriċi. Il-konvenuta ressqet ukoll difiżi oħrajn fil-meritu.

7. Tajjeb li jingħad li l-atturi, b'nota preżentata waqt l-udjenza tal-20 ta' Mejju 2019, ċedew l-ewwel talba u żammew ferm iż-żewġ talbiet l-oħrajn tagħhom[2]. Din l-ewwel talba riedet lill-qorti «*Tiddikjara illi s-soċjetà intimata naqset, u dan bi ksur tal-ftehim milħuq ma' l-esponenti, meta hija unilateralment bidlet il-ftehim milħuq u l-kwotazzjoni kif preparata mill-esponenti fuq inkariku tal-istess soċjetà intimata*». Konsegwentement, il-konvenuta rtirat l-ewwel eċċezzjoni tagħha b'nota preżentata fis-16 ta' Lulju 2019[3].

8. Illi magħmula dawn l-osservazzjonijiet preliminari dwar it-talbiet u l-eċċezzjonijiet tal-kontendenti, imiss li jiġu esposti l-fatti tal-każ kif jemerġu mill-provi prodotti.

9. L-attur Kevin Sammut xehed li huwa kien avviċinat minn Dr Marc Buonazountas, f'isem il-konvenuta[4], sabiex jiddikjara kienx interessat, personalment jew permezz tal-kumpanija attriċi, jassisti lill-konvenuta f'diversi sejħiet għal offerti[5]. Huwa spjega li kien ħejja rapporti u xogħol analitiku ieħor għall-konvenuta b'rabta ma' diversi sejħiet, iżda dik is-sejħa li l-aktar qanqlet interess kienet dik li huwa jsejjaħ "Sintegram Dissemination". Sammut qal li huwa kien diġà pparteċipa b'suċċess f'xogħol tal-istess natura – ċjoè *geographic information systems* (GIS) – mal-Awtorità tal-Ippjanar[6]. Sostna li kellu korrispondenza mal-konvenuta dwar il-parametri tal-koperazzjoni tagħhom, liema korrispondenza wasslet għall-qbil permezz ta' posta elettronika[7]. Kevin Sammut kompla jsostni li l-ftehim milħuq kien fis-sens li x-xogħol kollu jsir mill-kumpanija attriċi versu l-prezz ta' «*xi E110,000*», u l-konvenuta ma tagħmel xejn ħlief li tikkomunika mal-klijent biex tassikura li kien sodisfatt bix-xogħol. Jgħid li tant kien hemm qbil li anki ġew sottomessi *curriculum vitaes* u dokumenti oħra b'rabta mas-sejħa. L-attur sostna li l-qbil kien li hu u Maria Refalo jkunu mislufa lill-konvenuta mill-kumpanija attriċi sabiex jaġixxu bħala *key experts* fil-kuntratt pubbliku in kwistjoni[8]. Dan ġie kkonfermat anki minn Christine Busuttil, mart l-attur u direttur u sid tal-kumpanija attriċi, li sostniet li skont il-ftehim milħuq, il-kumpanija attriċi kellha

---

[2] A folio 107. Strettament, din in-nota tgħid «*Illi permezz tagħha qiegħed iċedi l-ewwel eċċezzjoni, u żżomm ferm fuq it-tieni u t-tielet eċċezzjoni*». Madanakollu, l-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Mejju 2019 huwa ċar li jirreferi għat-talbiet, u l-istess jirriżulta min-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi.
[3] A folio 110.
[4] Ara l-affidavit tal-attur, a folio 275.
[5] Ara l-affidavit tal-attur, a folio 61.
[6] Ara l-affidavit tal-attur a folio 275.
[7] Ara l-affidavit tal-attur, a folio 61.
[8] Ara l-affidavit tal-attur, a folio 277.

tħallas hi lill-impjegati tagħha filwaqt li l-kumpanija attriċi titħallas mill-konvenuta meta din titħallas mill-Gvern fuq il-proġett[9]. Madanakollu, in kontro-eżami Christine Busuttil ikkonfermat li hija qatt ma tkellmet direttament mal-konvenuta jew mar-rappreżentanti tagħha[10].

10. Fil-25 ta' Lulju, 2018, huwa rċieva ittra elettronika li kienet tgħid li l-offerta kienet intgħażlet[11], u għalhekk beda x-xogħol flimkien ma' xi kollegi tiegħu[12]. Kien hawn, jgħid Sammut, li huwa ġie preżentat b'abbozz ta' ftehim li kien fih bosta termini u kondizzjonijiet differenti minn dawk li kienu maqbula qabel. Jgħid li dak propost fl-abbozz tal-ftehim kien jinvolvi xogħol u spejjeż li ma kienux antiċipati u wisq inqas miftehma[13]. Sammut xehed ukoll li f'dan iż-żmien kien induna li l-offerta finali sottomessa mill-konvenuta kienet differenti minn dik li kien qabel dwarha hu[14]. Isemmi, bħala eżempju, li fl-offerta sottomessa l-konvenuta kienet offriet li x-xogħol isir fi żmien iqsar minn dak li kien maqbul dwaru hu.

11. Saru xi diskussjonijiet bejn il-kontendenti[15], iżda deher li ma kienx possibbli li huma jmorru lura għal dak li kienu ftehmu oriġinarjament, u għalhekk jgħid l-attur «*ma kelna l ebda triq oħra ħlief li nieqfu*»[16]. Però, peress li l-offerta sottomessa mill-konvenuta kienet tirreferi għalih bħala espert tekniku, l-attur kien iffirma dokument li bih intrabat b'mod esklussiv favur il-konvenuta u assuma r-responsabbilità għax-xogħol li kellu jsir, kif ukoll li jekk hu jonqos milli jippreżenta ruħu meta jiġi msejjaħ, jiġi skwalifikat minn proġetti oħra fil-futur mal-istess Awtorità[17]. Minħabba f'hekk, l-atturi infurmaw lill-Awtorità tal-Ippjanar li mhux se jibqgħu involuti fil-proġett, u bagħtu kont lill-konvenut għax-xogħol li jgħidu li laħaq sar minnhom.

12. Mid-dokumenti eżebiti mar-rikors ġuramentat, jidher li tassew kien hemm diskussjonijiet bejn il-kontendenti dwar il-proġett imsemmi mill-atturi. Kemm hu hekk,

---

[9] Ara l-affidavit ta' Christine Busuttil a folio 338.
[10] Ara x-xiehda ta' Christine Busuttil a folio 364.
[11] Ara folio 14 u 15.
[12] Ara l-affidavit tal-attur, a folio 61.
[13] Ara d-dokument eżebit mill-konvenuta bħala Dok EM9 a folio 88 u dak eżebit bħala Dok EM10 a folio 90.
[14] Ara għal aktar dettall dwar dawn id-diskrepanzi l-affidavit tal-attur minn folio 279 sa 285. Ara wkoll ix-xiehda ta' Maria Refalo a folio 359.
[15] Ara d-dokument eżebit bħala Dok EM13 a folio 95, kif ukoll dak eżebit bħala Dok EM14 a folio 101.
[16] Ara l-affidavit tal-attur a folio 61.
[17] Ara d-dokument eżebit bħala Dok KS4 a folio 293.

sad-19 t'April 2018[18], u ċjoè qabel is-sottomissjoni tal-offerta fis-sejħa relattiva, kien hemm anki abbozz kontenenti l-punti ta' qbil li kien intenzjonat li jiġi ffirmat[19]. Ma jidhirx li dan kien ġie ffirmat. Anzi l-iskambju tal-posta elettronika juri li f'Lulju 2018, u ċjoè wara li ntgħażlet l-offerta, l-attur għamel xi tibdiliet fil-ftehim li huwa jsejjaħ żgħar, u bagħtu lid-direttur tal-konvenuta għall-approvazzjoni tiegħu. Kien f'dan il-mument meta Bonazountas informa lil Sammut li ried jistenna li l-awtorità kontraenti tibgħatlu l-abbozz tal-kuntratt pubbliku, sabiex imbagħad il-konvenuta tintrabat b'kuntratt formali miegħu[20]. Hawnhekk jidher li beda d-diżgwid bejn il-kontendenti li eventwalment wassal għal din il-kawża. Jidher li kienet il-konvenuta li riedet tittermina l-involviment tal-attur u tal-kumpanija attriċi, tant li l-attur, filwaqt li sostna li kien dovut ħlas għax-xogħol li laħaq sar sa dak iż-żmien, anki offra li jkompli x-xogħol bi prezz ridott minn dak li kien oriġinarjament miftiehem[21]. L-ammont pretiż mill-atturi huwa spjegat fil-fattura eżebita a folio 45 u 54, li jidher li ġiet maħruġa mill-kumpanija attriċi, kif ukoll fid-dokumenti li huma eżebiti minn folio 294 sa 305. Christine Busuttil, direttur tal-kumpanija attriċi, sostniet ukoll li l-ħlas pretiż f'din il-kawża jinkludi x-xogħol meħtieġ sabiex l-offerta tal-konvenuta setgħet tiġi formulata u preżentata, kif ukoll xogħol ta' tħejjija u eżekuzzjoni tal-offerta nnifisha, u huwa riflessjoni *pro rata* tal-ammont ta' €110,000 imwiegħed mill-konvenuta stess[22]. Waqt il-kontro-eżami, Christine Busuttil stqarret li r-rata li abbażi tagħha nħarġet il-fattura mertu tal-kawża kienet maħsuba minnha u li dwarha kkonsultat biss mal-attur żewġha, u qatt mal-konvenuta[23].

13. Maria Refalo, li kienet il-persuna l-oħra mislufa mill-kumpanija attriċi lill-konvenuta, xehdet li l-involviment tagħha kien jinkludi l-għoti tal-*curriculum vitae* tagħha, kif ukoll numru ta' laqgħat bejn Mejju u Awwissu tas-sena 2018. Xehdet li għamlet bejn wieħed u ieħor xahar xogħol li kienet qed tagħmel bħala *part-time self-employed*, u li żammet nota ta' kemm għamlet xogħol. Xehdet li kienet ħarġet fatturi lill-attur għax-xogħol tagħha, li però ma tħallsux. Hija stqarret li kienet qed tippretendi li l-attur

[18] Ara l-ittra elettronika immarkata Dok A1 u li tinsab a folio 11 tal-proċess.
[19] Ara l-parti t'isfel tal-paġna a folio 10. Dan id-dokument ġie eżebit ukoll mill-konvenuta bħala Dok EM4, a folio 75 u 76.
[20] Ara folio 12.
[21] Ara folio 43.
[22] Ara l-affidavit ta' Christine Busuttil a folio 341.
[23] Ara x-xiehda ta' Christine Busuttil a folio 365.

iħallasha biss jekk jirnexxielu jitħallas hu[24]. Spjegat li x-xogħol magħmul kien jikkonsisti minn xogħol preparatorju għall-offerta tal-konvenuta, bħal tlestija ta' servers, eżami tas-sit elettroniku tal-Awtorità tal-Ippjanar kif ukoll liema xogħol ta' tibdil kien meħtieġ li jsir u kif kellu jsir. Kif inqala' d-diżgwid f'Awwissu, hija waqfet taħdem fuq dan il-proġett[25].

14. Skambju anteċedenti ta' posta elettronika juri li f'April 2018, il-konvenuta kienet taf bl-eżistenza tal-kumpanija attriċi[26]. Jidher li l-attur ried li l-ftehim mal-konvenuta jiġi konkluż mill-kumpanija attriċi. Il-pożizzjoni tal-konvenuta kienet li l-kumpanija attriċi ma setgħetx tintwera fis-sejħa bħala sub-appaltatur, imma seta' jsir ftehim bejn il-konvenuta u l-kumpanija attriċi, b'dan li fuq id-dokument tas-sejħa jintwera l-attur Sammut kif ukoll espert ieħor «*on loan from Kilabite*». Dan jidher li ġie aċċettat mill-attur[27].

15. Ġiet eżebita wkoll l-offerta mitfugħa mill-konvenuta fis-sejħa għall-offerti magħmula mill-Awtorità tal-Ippjanar (a folio 204 'l quddiem). Minn din l-offerta, jirriżulta li l-konvenuta (i) ddikjarat li mhux beħsiebha tinkariga subappaltaturi[28]; (ii) li l-offerta finanzjarja tagħha kienet ta' €145,000[29]; (iii) indikat lill-attur bħala *key expert* fil-kariga ta' *technical leader*[30]; (iv) issottomettiet il-*curriculum vitae* tal-attur[31]. Irriżulta li l-konvenuta iffirmat il-kuntratt mal-Awtorità fis-6 ta' Settembru 2018[32] u eżegwiet dak il-kuntratt wara li talbet estensjoni ta' xahar. Il-bidla fil-*key experts* konsegwenzjali għall-ksur tar-relazzjoni bejn il-kontendenti intalbet b'ittra tat-30 t'Ottubru 2018[33], li wasslet biex ġie ffirmat ftehim addizzjonali, jew addendum, bejn l-Awtorità tal-Ippjanar u l-konvenuta fid-29 ta' Jannar 2019[34]. Min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar, ma jirriżultax li l-atturi pproduċew xi xogħol fil-frattemp, u dan kemm għaliex sakemm

---

[24] Ara x-xiehda ta' Maria Refalo a folio 358.
[25] Ara x-xiehda ta' Maria Refalo a folio 359.
[26] Ara d-dokument immarkat Dok B a folio 20.
[27] Ara d-dokument immarkat Dok D a folio 25.
[28] Ara a tergo ta' folio 210.
[29] Ara folio 219.
[30] Ara folio 231. Ara wkoll ix-xiehda ta' Kevin Portelli a folio 349.
[31] Ara folio 247.
[32] Ara x-xiehda ta' Kevin Portelli a folio 351.
[33] Ara x-xiehda ta' Kevin Portelli a folio 350, u d-dokument eżebit a folio 355.
[34] Ara x-xiehda ta' Keith Cappello a folio 351.

saret il-bidla fil-*key experts* il-kuntratt kien għadu fi stadju inizjali, u kemm għaliex il-kuntatt tal-Awtorità kien mal-konvenuta[35].

16. Illi l-*key expert* li ħa post l-attur kien il-Professur Argyros Argyridis, li sostna li qatt ma kien iltaqa' mal-attur qabel il-kawża għalkemm kellu diversi skambji ta' posta elettronika miegħu. Argyridis sostna li l-proposta sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar saret u tħejjiet minnu, minn Bonazountas u minn Chalaris. Huwa ċaħad li kien hemm xi parteċipazzjoni oħra mingħand l-atturi għajr għall-għoti tad-dokumenti neċessarji sabiex l-attur u Maria Refalo jiġu kompriżi fost il-*key experts*[36].

17. Meta l-attur ġie kontro-eżaminat, huwa spjega li x-xogħol li dwaru qed jitlob il-ħlas kien bdih f'April minkejja li ma kellux għalfejn jinbeda qabel Settembru għaliex ried li x-xogħol preparatorju jkun lest. Sostna li s-somma ta' €11,000 bħala *finder's fee* għall-*curriculum vitae* ta' Maria Refalo kienet kompriża fis-somma globali ta' €110,000 li huwa ftiehem mal-konvenuta[37]. Huwa sostna li dan ix-xogħol preparatorju ma tteħidx mill-konvenuta, għalkemm hu ipprova jgħaddihulha. Id-direttur tal-konvenuta, Markos Bonazountas ċaħad kategorikament li l-attur kien involut fil-proposta li saret lill-Awtorità tal-Ippjanar[38]. Huwa qal li l-attur kellu konnessjonijiet ma' kumpaniji oħrajn f'Malta u seta' għalhekk kellu kunflitt t'interess, u ma riedx jikkommetti ruħu li jaħdem biss mal-konvenut. Sostna wkoll li l-konvenuta ma riditx tinvolvih fil-proposta tagħha, billi t-tħejjija ta' dik il-proposta kienet se tinvolvi żvelar ta' informazzjoni teknika sensittiva. Huwa sostna li qatt ma kien hemm inkarigu mill-konvenuta lill-atturi biex dawn jeżegwixxu xi xogħol[39].

Ikkunsidrat:

18. Illi esposti għalhekk il-fatt li taw lok għal din il-kwistjoni, il-qorti jidhrilha li għandha qabel xejn tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar jekk hemmx xi forma ta' rabta kontrattwali bejn il-kontendenti jew bejn uħud minnhom, jew inkella jekk dik ir-rabta kontrattwali ma seħħitx. Il-konvenuta ssostni li hija lanqas biss taf bil-kumpanija attriċi,

[35] Ara x-xiehda ta' Ashley Hili a folio 352.
[36] Ara x-xiehda ta' Argyros Argyridis a folio 368.
[37] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-attur a folio 375.
[38] Ara l-affidavit ta' Markos Bonazountas a folio 383.
[39] Ara l-kontro-eżami ta' Markos Bonazountas a folio 431.

u li qatt ma tat inkarigu lill-attur biex jagħmel xi xogħol. L-atturi min-naħa tagħhom isostnu illi kien hemm ftehim validu u vinkolanti bejnhom u bejn il-konvenuta, li permezz tiegħu il-konvenuta nkarigat lill-kumpanija attriċi biex isellifha s-servizzi tal-attur u ta' persuna oħra.

19. Għal dak li jirrigwarda l-aspett fattwali tal-kwistjoni mfissra fil-paragrafu preċedenti, il-qorti jidhrilha li l-konvenuta mhux timxi mas-sewwa meta tgħid li ma kinitx taf bl-eżistenza tal-kumpanija attriċi qabel ma beda jintalab ħlas mill-attur. Il-posta elettronika eżebita turi li f'April 2018, id-direttur tal-konvenuta espressament irrefera għall-kumpanija attriċi[40], u dan juri li kuntrarjament għall-impressjoni li huwa prova jagħti lil din il-qorti, huwa kien jaf bl-eżistenza ta' dik il-kumpanija. Jidher però li l-konvenuta ma riditx turi lill-Awtorità tal-Ippjanar l-eżistenza tal-kumpanija attriċi, u riedet li l-involviment tal-attur ikun f'ismu biss bħala *key expert*, u dan anki jekk bejn il-konvenuta u l-kumpanija attriċi jkun hemm ftehim ieħor bejniethom biss. Fuq dan l-aspett tal-fatti tal-każ għalhekk il-konvenuta m'għandhiex raġun.

20. Il-problema bl-azzjoni attriċi però hija oħra.

21. Il-provi prodotti miż-żewġ partijiet juru bl-aktar mod ċar li l-intendiment bejniethom kien illi jsir ftehim bil-miktub li kellu jiġi ffirmat minnhom it-tnejn. Fil-fatt, diversi kopji minn dan l-abbozz ġew eżebiti waqt is-smigħ ta' din il-kawża, bħal per eżempju dak li jinsab eżebit a folio 9. Dan il-ftehim però ma ġie ffirmat qatt, għaliex jidher li kien hemm xi nuqqas ta' qbil dwar id-drittijiet t'awtur. Għalkemm l-attur jgħid li dak in-nuqqas ta' qbil ġie sorvolat permezz ta' skambju ta' posta elettronika, però jibqa' l-fatt li dak il-ftehim qatt ma ġie ffirmat, sakemm il-konvenuta bagħtet abbozz ta' ftehim differenti li minnu tnisslu d-differenzi bejn il-kontendenti.

22. Illi l-artikolu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jipprovdi kif ġej:

> 114. Jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitniżżel bil-miktub, hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il-validità tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalità.

[40] Ara d-dokument immarkat Dok B a folio 20.

23. Illi m'hemmx dubju li d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ japplikaw għall-fattispeċi tal-każ li għandha quddiemha l-qorti. Dan għaliex skont l-artikolu 2 ta' dak il-Kodiċi jipprovdi li: «*Taħt il-liġi tal-kummerċ jaqgħu l-kummerċjanti u l-atti tal-kummerċ magħmulin minn kull persuna, ukoll jekk ma tkunx tikkummerċja*». Is-soċjetajiet kummerċjali huma, b'effett tal-artikolu 4, kummerċjanti. Dwar dawk li, f'isimhom, jagħmlu atti ta' kummerċ, ***Leone Bolaffio*** jsostni, fil-kumment tiegħu għall-artikolu 8 tal-Kodiċi tal-Kummerċ taljan[41], illi, «*La figura del commerciante risulta pertanto da questi due elementi: la interposizione nello scambio (di merci, denaro, servigi) e la speculazione, collegati fra essi dal rapporto di causa ed effetto: la interposizione e' determinata dallo scopo del guadagno e il guadagno e' l'effetto della interposizione*»[42].

24. Fid-deċiżjoni ***Giuseppe Vella Gatt ne vs. Giuseppe Darmanin et*** (Appell Kummerċjali, 23/11/1956)[43], il-Qorti tal-Appell qieset hekk dwar l-artikolu 114, li dak iż-żmien kien numerat 118:

> Skond l-art. 118 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, meta jiġi miftiehem li l-ftehim verbali għandu jitniżżel bil-miktub, hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il-validità tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalità. Dik il-preżunzjoni mhijiex "juris tantum", imma "juris et de jure", u hija intiża biex tipprevjeni l-kawżi (ara Debates tal-Assemblea Leġislattiva, Vol. 21 tas-sena 1932-33, p. 737, 2a. col.). U tabilħaqq, li kieku dik il-preżunzjoni kienet "juris tantum", u għalhekk kienet tista' titwaqqa' bi provi testimonjali, l-effett kollu tagħha kien jiġi ridott fix-xejn; għax l-iskop li għalieh saret, li tidderimi l-kwistjonijiet u tipprevjeni l-kawżi, ma kienx jista' jiġi raġġunt. Huwa risaput li l-awtur tal-abbozz ta' dik il-liġi, li kien il-Professur Carlo Mallia, allura Ministru tal-Ġustizzja, kien irrispekkja ruħu fuq it-tagħlim tal-Vivante, li fit-Trattat tiegħu ppropona għall-eventwali riforma tal-liġi taljana "il ritorno alla dottrina romanistica per cui l'accordo sulla forma si presumeva condizione per l'esistenza del contratto" (Trattato di Diritto Commerciale, no.1580, p.75). U d-dottrina romanistica li għaliha alluda Vivante hija preċiżament il-liġi 17, "de fide instrumentorum" (Codex, IV, 16), fejn Ġustinjanu kien

[41] Li jikkorrispondi perfettament għall-artikolu 4 tal-Kodiċi tal-Kummerċ tagħna.
[42] §110.
[43] Kollezz. Vol.XL.i.572.

> ippreskriva li meta jkun sar il-ftehim li għandu jsir il-miktub, u ma jsirx, "non aliter vires sancimus habere……. ut nulli liceat……… quam haec ita processerunt…….. aliquod jus sibi ex eodem contractu vel transactione vindicare"

25. Illi t-tagħlim ta' ***Vivante*** fuq din il-materja testwalment huwa li: «*I contraenti possono subordinare l'esistenza del contratto a una forma determinata, e farne un contratto solenne: la loro volontà è sovrana, qualunque sia il motivo che li consigli*»[44]. Huwa mbagħad ikompli billi jelenka eċċezzjonijiet magħmula fil-ġurisprudenza tal-Qrati taljani li kienet tradizzjonalment tippermetti l-użu ta' provi oħrajn sabiex jiġi salvat il-ftehim li ma jkunx ridott għall-kitba f'ċertu ċirkostanzi – prattika li kienet fis-seħħ għaliex il-Kodiċi kummerċjali Taljan ma kellux dispożizzjoni bħall-artikolu 114 tal-Kodiċi tagħna; dispożizzjoni din li ddaħħlet mil-leġiżlatur tagħna proprju bħala riflessjoni tat-tagħlim ta' Vivante, kif rilevat mill-Qorti tal-Appelli Kummerċjali fid-deċiżjoni appena riportata.

26. Issir riferenza wkoll għad-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***Joseph J. Engerer et noe vs. John Debono et*** (3/10/2003) fejn ġie osservat:

> Hi disposizzjoni espressa tal-liġi illi "jekk il-partijiet ikunu ftehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitniżżel bil-miktub, hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il-validita` tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalita`" (Artikolu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ);
>
> Dan ifisser illi "qabel ma tiġi iffirmata l-iskrittura ma jistax jingħad illi l-ftehim hu perfett" ("**Neguzjant Joseph Stellini nomine –vs- Neguzjant Salvatore Debono**", Appell Kummerċjali, 14 ta' Diċembru 1942, Vol. XXXI P I p 565)

27. Illi hija rilevanti wkoll id-deċiżjoni fil-kawża ***Joseph Attard et vs. Mario Attard et*** (Appell Superjuri, 16/12/2019):

> Dan jingħad b'aktar enfasi meta wieħed jikkonsidra li kif ingħad mill-ewwel Qorti, għalkemm dan kien kuntratt li għalih ma kinitx meħtieġa l-firma tan-nisa, peress li kien jitratta beni parafernali, huma għażlu li jissoġġettaw il-

[44] Trattato di Diritto Commerciale, Vol.IV, §1579.

> kuntratt għall-firem ta' żewġt aħwa u n-nisa tagħhom. Ladarba saret tali għażla u hemm nieqsa l-firma ta' waħda mill-komparenti fuq l-imsemmi abbozz ta' kuntratt, dan l-att ma jistax jittieħed bħala prova tal-ftehim milħuq bejn il-kontendenti fil-kawża kif jippretendu l-konvenuti appellanti.

28. F'din l-aħħar deċiżjoni ċitata, il-ftehim tqies bħala mhux konkluż għaliex il-firma ta' persuni li ma kienux essenzjali għall-konklużjoni tal-ftehim baqgħet ma saritx. Aktar u aktar għalhekk japplika l-prinċipju fejn ħadd mill-partijiet ma jkun iffirma dak li jkun ġie abbozzat.

29. Għalhekk huwa evidenti li bejn ħadd mill-kontendenti ma seħħ ftehim validu u vinkolanti. Issa l-azzjoni tal-atturi hija kjarament impostata fuq il-premessa li kien hemm ftehim validu bejn il-kontendenti. Dan jirriżulta pależi mill-premessi esposti fir-rikors maħluf, kompriżi s-segwenti:

> Illi n segitu għal dan l-avviż, u **<u>n vista tal-ftehim milħuq</u>** sovra ndikat, is-soċjetà esponenti kompliet bil-preparamenti u tħejjija ta' dak neċessitat sabiex jinbeda l-eżekuzzjoni tax-xogħol rikjest mis-sejħa hekk allokata u **<u>dan a bażi tal-ftehim sew verbali kif wkoll konkluż bejn il-partijiet</u>**[45]

kif ukoll mid-diversi riferenzi oħra li hemm fir-rikors maħluf dwar "il-ftehim milħuq". Anki l-ewwel talba attriċi kienet trid dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-ftehim milħuq, u anke jekk din it-talba ġiet irtirata, xorta waħda turi li l-premessa sħiħa tal-azzjoni hija li kien hemm ftehim validu u li jorbot lill-partijiet. Premessa li, kif rajna, tirriżulta legalment infondata.

30. Illi huwa prinċipju kardinali u dejjem applikat rigorożament li fi proċeduri ġudizzjarji quddiem il-qrati superjuri, il-qorti adita bil-kawża għandha toqgħod strettament mal-parametri tal-azzjoni li tkun ġiet dedotta quddiemha. F'dan is-sens huma d-deċiżjonijiet ***Doris Grech vs. Valentino Valente noe*** (Appell Superjuri, 27/2/2015) u ***Avukat Dottor Roberto Montalto noe vs. Edwin Bartolo et*** (Appell Superjuri, 28/4/2017), fost ħafna oħrajn.

---

45 Enfażi in calce u sottolinear miżjud.

31. F'kull każ, u unikament għal finijiet ta' kompletezza, din il-qorti jidhrilha li l-azzjoni attriċi kienet xorta waħda tfalli fil-meritu tagħha. L-atturi, kif rajna, qed jitolbu ħlas ta' xogħol li huma jgħidu li għamlu u li f'ebda ħin ma kkonsenjaw lill-konvenuta. L-attur xehed li huwa ipprova jikkonsenja dak ix-xogħol lill-konvenuta iżda hija m'aċċettatux. Però huwa ma ppreżenta l-ebda prova li turi kif u meta għamel dawn it-tentattivi ta' konsenja. Lanqas matul din il-kawża ma pprova juri f'hiex kien jikkonsisti dan ix-xogħol billi jeżebixxi manifestazzjoni tanġibbli tiegħu. L-atturi jgħidu li huma kienu strumentali sabiex il-konvenuta tiġi aġġudikata s-sejħa, però imkien ma juru kif huma jew il-parteċipazzjoni tagħhom fis-sejħa kienet deċiżiva. Ebda prova ma ġabu li turi li huma assistew lill-konvenuta fit-tħejjija tal-offerta – prova li ma kellhiex tkun diffiċli li tinġieb kieku tassew din l-assistenza seħħet.

32. Anki x-xhud Maria Refalo, għalkemm xehdet li żammet notamenti dwar ix-xogħol li wettqet, ma ntalbitx teżebixxi dawk in-notamenti. Sal-aħħar tal-proċess, ix-xogħol li l-atturi jsostnu li twettaq baqa' efimeru u intanġibbli għall-aħħar, minkejja li qed jintalab ħlas tiegħu abbażi ta' rati li ma jistgħux jitqiesu ċkejknin jew konservattivi (kif murija fil-fattura eżebita a folio 45). L-atturi ma seħħilhomx iressqu provi li jikkonvinċu lil din il-qorti li tassew wettqu xogħol li għalih jistħoqqilhom il-ħlas mitlub minnhom, u għalhekk in bażi tar-regola *actore non probante, reus absolvitur* l-azzjoni tagħhom kienet tfalli wkoll.

33. Barra minn hekk, il-qorti tqis ukoll il-fatt li mill-provi rriżulta li dan ix-xogħol, jekk twettaq, twettaq mill-atturi mingħajr inkarigu tal-konvenuta, li allura ma tistax issa tiġi mġiegħla tħallas għal xogħol li ma talbitx u li, aktar u aktar, ma ħaditx, u li l-ħlas tiegħu qed jintalab bl-applikazzjoni ta' rati u miżati unilateralment imfassla mill-atturi mingħajr ebda konsultazzjoni u wisq inqas qbil da parti tal-konvenuta. Il-qorti tistaqsi x'kienet tkun il-pożizzjoni tal-atturi dwar dak ix-xogħol li huma jgħidu li għamlu bi tħejjija għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt pubbliku qabel l-aġġudikazzjoni tas-sejħa, kieku l-konvenuta ma rebħitx il-kuntratt? Ir-raġuni tiddetta li f'dawk iċ-ċirkostanzi, la x-xogħol ma sarx fuq inkarigu tal-konvenuta, ma kien ikun hemm ebda dritt għal ħlas għaliex ma kien hemm ebda inkarigu. L-istess raġuni tapplika anki fil-każ odjern, fejn inkarigu wkoll ma kienx hemm u lanqas ma seħħ il-ftehim fil-forma intiża mill-partijiet.

34. Għalhekk, għal dawn il-mottivi kollha l-qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba attriċi u tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, billi dawn ġew irtirati;

(ii) tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenuta safejn dawn huma kompatibbli mal-konsiderazzjonijiet żvolti f'din is-sentenza;

(iii) tiċħad it-talbiet rimanenti tal-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur